MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2014

Numru. 391/2006

**Il-Pulizija**

**Spettur Ian Abdilla**

**VS**

**Mark Brincat, iben Salvino u Rose nee' Tanti, imwieled San Giljan nhar is-26 ta' Mejju, 1973, residenti fil-fond Block B, Flat 23, Triq it-Torri tal-Arlogg, Imtarfa, detentur tal-karta tal-identita' numru 241673M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra '1 hawn fuq imsemmi **Mark Brincat**, li gie akkuzat talli fil-25 ta' Lulju, 2005 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. Ghamel atti ta' money laundering billi:

a. Ikkonverta jew ittrasferixxa proprjeta' meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali, jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra tal-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew koncernanti f'attivita' kriminali;
b. Heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew proprjeta', meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;
c. Akkwista proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;
d. Bir-ritenzjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprejta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

e. Ittenta li jaghmel l-hwejjeg jew l-attivitajiet illegali hawn fuq imsemmija.

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Illi qabel ma jigu ezaminati l-provi prodotti quddiem din il-Qorti, li bdiet tisma' dan il-process l-ewwel bhala Qorti Istruttorja, u aktar tard giet vestita bil-gurisdizzjoni billi nharget il-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jigi premess ukoll illi maghluqa dik il-Kumpilazzjoni, l-Avukat Generali kien prezenta sahansitra Att ta' Akkuza kontra l-imputat. Fil-mori tal-proceduri tal-Att tal-Akkuza, saru, kif del resto solitament isir, varji eccezzjonijiet preliminari, li anke gew decizi. Lest dan l-istadju, l-Avukat Generali issa ddecieda li jipprezenta l-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk regghet giet vestita bil-kompetenza tas-smiegh u issa anke decizjoni, din il-Qorti issa bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali.

Ghalhekk din il-Qorti issa, biex tasal ghal gudizzju Taghha, bdiet fl-ewwel lok biex taghmel analizi akkurat tal-provi prodotti quddiemha.

Beda jixhed l-Ufficjal Investigattiv u sussegwentement Prosekutur **l-Ispettur Joseph Cordina.** Qal illi kien gie kkuntattjat mill-HSBC Bank fuq xi flus li kienu allegatament inhargu minn kontijiet bla awtorizzazzjoni tal-account holder, liema flus kienu qed imorru f'kont iehor ta' Malti, umbaghad jintbaghtu barra tramite l-Western Union. Meta mar ic-Centru Ruzar Briffa, hemm sab lil Mario Bartolo u certu Mark Drago ikellmu lil certu Mark Brincat – l-imputat. Hawn gie nfurmat li kienu qed jghaddu kuljum is-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500.00) minn kont, u jghaddu dawn fuq kont tal-imputat, u Brincat jiddisponi minnhom.

Qal ukoll illi minhabba l-involviment ta' ammont ta' computers, talab ukoll l-ghajnuna tal-Ispettur Paul Caruana (Cyber Crime). Qal ukoll illi hu sussegwentement kien kellem lill-imputat u hadlu stqarrija li ser tigi ezaminata aktar tard. Basta f'dan l-istadju li jinghad illi Cordina spjega li Mark Brincat kien skondtu dahal f'arrangament meta rcieva email minghand certu Diane Novikoff ta' GNX Software mir-Russja biex jircievi flus ta' xoghol illi attaparsi sar f'pajjiz Ewropew halli l-kumpanija tithallas izjed, stante li l-pajjizi tal-Lvant ma kinux daqshekk lukrativi. L-email li kien qed jaghmel referenza ghaliha l-Ispettur kienet kif irrizulta mill-istqarrija, intestata 'Earn Legal Money'. Kien ghalhekk dan Brincat jircievi s-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500.00) kuljum fil-kont tieghu. Skont dak illi rrizultalu mill-istqarrija, xehed illi dan Brincat ma staqsix minn fejn kienu gejjin dawn il-flus. Brincat anke qallu li hu kien qieghed, fuq

struzzjonijiet, jitrasferixxi dawn il-flus kif dirett, tramite l-Western Union.

Zied illi gew elevati lap top u personal computer minghand Brincat illi gew ezaminati mis-Cyber Crime. Jghid illi hawn instabet korrispondenza bejn l-imputat u barranin. Dan kien anke rcieva "*contract of employment*" li mela. Jghid illi minn dawn l-investigazzjonijiet irrizulta li Brincat baghat flus lil certu Dimitri Kacanov gewwa Odesse l-Ukraina. Jghid Cordina li Brincat baqa' jircievi varji struzzjonijiet ta' kif kellu jopera.

Xehed illi b'kollox Brincat ghamel hdax(11)-il transfer lil persuni varji fosthom Alexei Pulidin, Andrei Kernish, Michael Megalia, u Dimitri Kacanov.

Ezebixxa l-Ispettur l-istqarrija ta' Mark Brincat, Dok MB. It-tieni stqarrija mehuda lil Brincat giet ezebita bhala Dok MB1. Ezebixxa bhala Dok MB2 envelope migbur minghand l-imputat bl-isem Dimitri Kacanov u iehor b'VISA bin-numru 440 u saving 40/88. Ezebixxa wkoll tliet dokumenti bankarji tal-HSBC Dok MB3. Ezebixxa sett ta' dokumenti - certifikati tal-Western Union, li bihom intbaghtu l-flus, bhala Dok MB4. Ezebixxa karta li kien fiha notament bhala Dok MB5 konsistenti fis-somma ta' seba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm475.00). Bhala Dok MB6 ezebixxa email datata 18 ta' Lulju, li kienet tghid u taghti dettalji ta' certu Alexec Putilin, u kif Brincat kellu jibghat il-flus. Bhala Dok MB6 ezebixxa ricevuta, u bhala Dok MB7 mobile.

**PS 489 David Agius** xehed illi l-Ispettur Cordina kien talab l-assistenza tas-Cyber Crime Unit b'konnessjoni ma' kaz relatat ma' Mark Brincat.

Gie mitlub mill-Ispettur biex imur l-ufficju ta' Brincat flimkien ma' PS 130 Ivan Cilia, u minn hemm gabru sistema ta' computer tal-ghamla Fujitsu Siemens (li pprezenta seduta stante). Qal illi fuq dan il-lap top, meta waslu, innota li kien hemm hafna web sites miftuhin, wahda fuq internet banking. Sab ukoll site tal-Go mobile, site ohra BDN Communities, u email tal-Yahoo. Qal illi anke gabru mir-residenza ta' Mark Brincat computer iehor. Hadu kollox is-Cyber Crime Unit. Qal illi qabel ma bdiet l-analizi, dejjem fil-presenza tal-imputat, kienu dahlu fl-account tieghu – markbrincat@yahoo.co.uk minn fejn kienu hargu emails relevanti stante l-investigazzjoni (ezebiti bhala rapport Dok MB8). Ezebixxa wkoll il-lap top ezaminat bhala Dok MB9. Qal illi fuq il-computer minnhom ezaminat migbur mir-residenza ta' Mark Brincat, ma nstab xejn relevant mal-investigazzjoni, u ghalhekk regghu irritornawh lill-imputat.

Dwar il-lap top elevat, qal illi kien l-istess Brincat li kien indikalhom l-ufficju.

In kontro ezami wiegeb illi l-ufficju fejn saret it-tfittxija kien hemm fih desks ohra. Zied illi l-computer kien skont kif indikat lilhom mill-imputat fuq id-desk tieghu. Qal illi sussegwentement ha dan il-computer fl-ufficju tas-Cyber Crime Unit, illi ghalih kellhom ukoll access PS 266 Stefan Decelis u l-Ispettur Paul Cremona, barra x-xhud innifsu. Zied illi dan l-ufficju jkun maghluq bic-cwievet li qeghdin ghand l-imsemmija biss. Spjega wkoll illi tal-kontenut tal-computer huma ghamlu kopja digitali, cioe' poggew il-kontenut fuq

floppy jew CD. Qal illi biex sar l-ezami, intuza programm li ma jbiddilx il-kontenut tal-hard disc – Fast Block Right Blocker, apparat illi kien jippermetti li taqra u tikkopja, pero mhux izzid. Zied illi fuq il-computer wiehed kien ser isib id-data li sar l-ezami (id-data li ngabar), pero l-ezami kien ihalli l-kontenut inoltrat. Spjega li l-apparat uzat minnhom ma kinx ivarja l-kontenut tal-hard disc, ma kinx itellef mill-integrita' tieghu.

Qal illi darba li jezaminah l-espert, l-integrita' tal-hard disc - bil-programm uzat mis-Cyber Crime, tant kienet preservata, illi dan kien ghalih qisu qed jezamina l-hard disc ghall-ewwel darba.

Qal ukoll illi fir-rapport minnu prezentat – Dok MB8, kien hemm maggoranza kbira ta' emails.

Zied illi kien eleva wkoll USB u li anke fuq din ma kien irrizultalu xejn.

**<u>PS 130 Ivan Cilia</u>** minn naha tieghu xehed illi hu kien akkumpanja lill-Ispettur Joseph Cordina gewwa l-HSBC, Centru Ruzar Briffa. Hemm jghid illi ltaqghu mac-Chief Security Officer Mario Bartolo li kien spjegalhom il-kaz dwar accounts misruqin. Gie ndikat lilhom l-imputat li huma hadu maghhom id-Depot.

Qal ukoll illi fuq struzzjonijiet tal-istess Spettur, flimkien ma' PS 498, marru mal-imputat fl-ufficju ta' dan gewwa l-Ministeru tal-Investiment, Industrija, u Nformazzjoni Teknologika gewwa Zachary Street, il-Belt. Minn hemm gie elevat lap top u xi dokumenti ohra koncernanti transfers illi

saru bil-Western Union. Zied illi saret anke tfittxija fid-dar tal-imputat.

Kien prezenti anke ghall-istqarrija li ttiehdet lill-imputat.

Dwar it-transfers elevati, in kontro ezami zied illi kien l-istess imputat illi kien tahomlhom - harighom minn kexxun tal-iskrivanija. Qal illi dawn hu u siehbu kollega, tawhom lill-Ispettur Cordina.

Xehed illi ghalkemm fl-ufficju fejn kien jahdem l-imputat kien hemm skrivaniji ohra, fil-hin tat-tfittxija l-ufficju kien vojt. Anke li f'dan il-hin il-bieb tal-ufficju kien miftuh.

Dwar l-istqarrija, anke **PC 1235 Warren Magri** xehed illi hu kien xhud taghha u li l-imputat gie moghti d-debita twissija mill-Ufficjal Prosekutur.

Xehed anke **Paul Cremona** li kkonferma li hu kien ghen lill-Ispettur Cordina, dak iz-zmien bhala Spettur addett mas-Cyber Crime Unit. Qal illi mal-HSBC kellhom laqghat ma' Mark Drago u li kien David Agius (ukoll ex-pulizija), illi kien ghamel l-analizi fuq il-computers. Ikkonferma li fil-fatt l-imputat kien ikkopera mal-pulizija, tant illi anke tahom print-out tal-emails ta' korrispondenza li ghaddiet bejnu u bejn terzi persuni. Ma kinx f'posizzjoni jghid jekk xi computers gewx reformatted qabel ma ghaddew ghand il-pulizija.

Xehdu minhabba l-origini ta' din l-investigazzjoni, xi impjegati tal-HSBC Bank illi fil-fatt ircevew l-ewwel rapport fuq flus neqsin minn kont ta' klijent, rapport illi skatta minn

naha taghhom indagni fuq l-akkadut li anke wassalhom biex ikellmu lil Mark Brincat, imbaghad jirrappurtaw lill-pulizija.

**<u>Noel Bartolo</u>** xehed illi hu kien jahdem fl-Internet Banking Team tal-HSBC. Qal illi kien hemm zewg kontijiet ta' klijenti tal-bank illi kienu nvoluti, cioe' li ngibdu l-flus minnhom. Kont iehor ta' terza persuna sar attentat fuqu biex jittiehdulu l-flus minnu, pero l-bank lahaq ha l-prekawzjonijiet necessarji.

Xehed illi kont minnhom affettwat kien tal-klijent Ian Vella, u kont iehor ta' Peter Zammit. Qal illi minn dawn il-kontijiet ingibdu l-flus li gew akkreditati f'kont ta' Mark Brincat, (kont li jispicca bin-numri 452).

Dwar il-kont ta' Ian Vella ezebixxa l-statement tal-kont hawn riferut bhala Dok IV. Qal illi l-ewwel transazzjoni kienet tirrizulta minn dan il-kont li kienet tat-8 ta' Lulju, fejn ingibdu hames mitt lira Maltin (Lm500.00) – dawn gew akkreditati fil-kont numru 058105347452 li kien jghajjat lil Mark Brincat, kont li kien jispicca bin-numru 452. Mill-kont ta' Ian Vella ghalhekk saru zewg transazzjonijiet.

It-tieni kont imbaghbas kien ta' Peter Zammit. Ezebixxa l-statement ta' dan bhala Dok PZ. Qal illi b'kollox min dan kienet ingibdet is-somma ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500.00).

Spjega li minn dan il-kont fit-12 ta' Lulju kien hemm gbid ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) ghall-kont li kien jispicca bin-numru 452. Fit-13 ta' Lulju regghu ngibdu hames mitt lira Maltin (Lm500.00) ohra li regghu marru fil-kont 452 msemmi. Regghu ttiehdu l-flus fl-14 ta' Lulju ghall-istess somma. Ergajna l-istess fil-15 ta' Lulju - issa ngibdu mitejn u tmintax-il lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm218.10) u mitejn

u tmintax-il lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm218.10), ammontanti ghal hames mitt lira Maltin (Lm500.00). L-istess somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500.00) ingibdet ukoll fit-18 ta’ Lulju, fid-19 ta’ Lulju, fl-20 ta’ Lulju, fil-21 ta’ Lulju, u fit-22 ta’ Lulju, dejjem ghall-ammont ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500.00). Xehed illi b’kollox minn dan il-kont ingibdet is-somma ta’ erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500.00).

Qal ukoll illi fil-gurnata tal-25 ta’ Mejju, sar attentat fuq il-kont ta’ Joseph Paris. Ezebixxa d-dokumentazzjoni f’dan ir-rigward bhala Dok JP. Ezebixxa, stante l-attentat fallut, estratt mis-sistema fejn hemm ‘highlighted’ il-linja li turi l-ammont ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500.00). Zied illi fil-linja 2.2.2 jidher illi l-credit account terga’ bin-numru 452, hu code li ghall-bank ifisser li gie mwaqqaf it-trasferiment.

Spjega li l-istorja bdiet meta Ian Vella, fit-23 ta’ Lulju kien ikkuntattja lill-bank fejn ilmenta li fil-kont kellu xi transazzjonijiet li ma kinx qed jaghrafhom. Fuq hekk il-bank beda jinvestiga tramite l-IT Department u hawn indunaw illi kien hemm klijent iehor - certu Peter Zammit, illi kellu l-kont kompromess ukoll.

Dwar it-trasferimenti ghall-kont ta’ Brincat mhux awtorizzati, qal illi fl-ewwel lok dan it-telf sofrieh il-klijent, pero dawn kienu gew irrifondati mill-bank. Zied illi issa l-bank kellu arrangament mal-imputat li jhallas lura tramite loan.

Ezebixxa wkoll id-Dok NB u Dok NB1. Qal illi fl-ewwel faccata kien hemm id-dettalji tal-klijenti li ngibdulhom il-flus, mentri fuq it-tieni faccata kien hemm id-dettalji ta’ fejn sar l-attentat biex jingibdu l-flus. Ezebixxa d-dokument NB2 – kopji ta’ emails li l-bank kien ircieva minghand l-imputat. Spjega dak li skont il-bank kien qieghed jissucciedi. Ta

ezempju fir-rigward tal-kont ta’ Ian Vella – qal illi dahal deposit minn dan il-kont f’dak ta’ Brincat fit-8 ta’ Lulju, u dan imbaghad gie rtirat ftit sieghat aktar tard f’Ewro. Gew trasferiti dawn il-flus gol-card ta’ Mark Brincat – ingibdu mitejn lira Maltin (Lm200.00), hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75.00), u mitejn lira Maltin (Lm200.00) – dawn bhala cash mill-ATM ta’ Merchant Street u ta’ Republic Street. Transazzjoni ohra li tkellem fuqha kienet dik tal-11 ta’ Lulju fejn Ian Vella sofra debitu ta’ elf mija u sitta u erbghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,146.24). Dawn gew trasferiti go savings account u b’internal transfer marru gol-credit card – dejjem ta’ Mark Brincat. Ezebixxa dwar dawn it-transfers id-dokument NB3. Zied illi fit-12 ta’ Lulju rega’ kien hemm deposit fl-account bin-numru 452 (gia’ nafu li jsejjah lil Mark Brincat). Minn dan is-savings gew trasferiti go VISA card u ngibdu cash mill-ATM ta’ Republic Street. Spjega li ngibdu mitejn lira Maltin (Lm200.00), mitejn lira Maltin (Lm200.00), mitejn lira Maltin (Lm200.00), mitejn lira Maltin (Lm200.00), u erbghin lira Maltin (Lm40.00).

Qal illi din kienet dejjem l-istess trend pero meta beda jsir l-attakk fuq il-kont ta’ Peter Zammit, qal illi l-flus flok ingibdu savings, kien hemm okkazjonijiet fejn ingibdu foreign currency (Dok NB1 minnu stess ezebit).

Ezebixxa wkoll Dok NB12 li juri l-foreign currency account ta’ Mark Brincat, u Dok NB13 li kien is-savings account tal-istess Mark Brincat, mentri Dok NB14 kien il-credit card statement tal-istess Brincat.

In kontro ezami wiegeb illi l-informazzjoni li kien qieghed jixhed fuqha kien gabha u gabarha u jafha personali.

Qal illi hu dwar dak li kien qieghed jigri anke rcieva rapport minghand Mark Drago li kien inkarigat mill-IT tal-bank.

Zied illi dwar Ian Vella hu rcieva nformazzjoni mill-Call Centre.

Qal illi hu kien dahal "*from A to Z*" fuq din l-affari. Sahansitra anke pprintja d-dokumenti li kien prezenta (folio 106).

Spjega, fuq insistenza tad-Difiza, ta' kif saret ir-ricerka minnu:

"*Mela fuq l-statement .....jidher il-kont ta' minn fejn gew trasferiti l-flus. Jigifieri ....once li kelli stabilixxiet (recte stabbilit) minghand tal-IT Systems iccekkjaw il-klijent, qed nghid ghat-tieni klijent mhux ghall-ewwel klijent li cemplilna u qalilna t-transazzjonijiet ma ghamilhomx hu. Malli qalulna tal-IT li Peter Zammit jista' jkun li ghandu kontijiet kompromessi, dhalt niccekkja l-kont ta' Mark Brincat u fuq il-kont ta' Mark Brincat jidher il-kont ta' Peter Zammit .....*" (folio 113).

Xehed fit-tul **<u>Mark Drago</u>** tal-IT, Security Manager tal-bank HSBC. Qal illi gew infurmati mill-Call Centre dwar telefonata li kien ghamel Ian Vella dwar transfers mhux minnu awtorizzati. Qal illi fuq tali nformazzjoni l-bank ghadda biex jimblokka l-kont koncernat u avzaw lill-IT Security taghhom biex jinbdew l-investigazzjonijiet.

Qal illi hu meta vverifika l-IP addresses induna li dawn ma kinux dawk normali li kien solitament juza l-klijent. Hu nvestiga l-login ID's ta' zewg klijenti – Peter Zammit u Ian Vella. Qal illi dawn iz-zewg klijenti beda jirrizulta fuq il-kont taghhom ID logins diversi mis-soltu wzati. Ircieva anke mill-Call Centre nformazzjoni li t-transfers kienu qeghdin jidhlu gol-kont ta' Mark Brincat.

Xehed ukoll illi minn verifiki ulterjuri rrizulta li kien hemm l-istess tip ta’ access minn IP address differenti, issa mill-kont ta’ Joseph Paris. Qal illi fil-fatt fil-25 ta’ Lulju sar attentat biex isir transfer iehor fil-kont ta’ Mark Brincat, pero dan il-kont kien gia’ gie mblukkat minn naha tal-bank.

Mistoqsi min prova jaghmel dan l-access, wiegeb illi “*Xi hadd minn dawn l-IP addresses li mhux soltu juza dan il-klijent ghamel request biex isir transfer ghall-kont ta’ Mark Brincat.*” Dan sar jafu “*Billi ccekkjajt il-logins li ghandna, u rajt it-transfer request u bazikament din ma sehhitx ghax il-kont ta’ Mark Brincat kien imblukkat.*” (folio 218)

Il-kont ta’ Mark Brincat skont dan ix-xhud gie blukkat fit-23 ta’ Lulju. Qal illi hu kien jaf illi l-kont gie mblukkat ghax hareg lista ta’ deposit transactions mill-IPs li mhux normali li kienu juzaw il-klijenti. Irrizulta li t-transfers kienu qed isiru fuq Mark Brincat u konsegwentement il-kont gie blukkat.

Zied illi hu dwar dan ix-xoghol kien qieghed jikkorrispondi ma’ Renald Ellul.

Baqa’ nsistenti li ghalkemm ma kinx hu personali li mblokka l-kont, dan kien jafu kemm ghax dik il-procedura, kif ukoll ghax kien qieghed jara l-logs. Ezebixxa ghalhekk il-logs ta’ Ian Vella bhala Dok IV1 (folio 260), ta’ Peter Zammit bhala Dok PZ (folio 261), u dak ta’ Mark Brincat bhala Dok MB (folio 262).

Zied fix-xhieda tieghu li hu kellem kemm lil Peter Zammit kif ukoll lil Mark Brincat.

Qal illi ghal dawn il-meetings kien prezenti impjegat mid-Direct Banking Noel Bartolo.

Qal illi Zammit gie moghti questionnaire dwar it-transactions suspettati.

Dan ix-xhud anke xehed dwar dak illi qallhom Mark Brincat, li pero l-Qorti mhix ser tirriproduci bhala xhieda in kwantu jitratta diskors illi qal l-imputat - mhux moghti l-caution.

Xehed ukoll is-Sur Drago li rrediega incident rapport dwar dak illi rrizulta mill-indagni tieghu.

Gie anke mistoqsi mill-Avukat Difensur varji mistoqsijiet dwar IT u internet banking, frankament ftit relevant ghall-kaz in ezami; pero gie stabbilit illi, kif del resto hu ben risaput, illi ebda sistema ta' IT ma tista' tkun mija fil-mija sikura. Stabilixxa wkoll dan ix-xhud illi hafna mill-IP addresses li kien qieghed juza Brincat kienu gejjin mill-MITTS - ta ezempju minn fuq il-logins ta' Mark Brincat ezebit, tat-transazzjoni bin-numru 82.22.104.62 li kienet gejja mill-Ingilterra datata 11 ta' Lulju, 2005. Din turi transfer request ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00). Xehed fuq request ohra originata minn Road Runner fl-Amerika, tat-8 ta' Lulju, ukoll ghal hames mitt lira Maltin (Lm500.00) (Dok IV). Ohra gejja minn NTL Infrastructure Luton GB – din biex jintuzaw il-kredenzjali ta' Ian Vella. Login ohra li qara mid-dokumenti hija minn Tecbell Internet Services US. Kompla fil-fatt jispjega lill-Avukat Difensur dwar it-tipi ta' logins u transfer requests – kemm fil-konfront ta' Ian Vella u ta' Peter Zammit.

Mistoqsi jekk dawn ir-requests ghamilhomx Mark Brincat, wiegeb illi dak ma setax iwiegbu jew jghidu. Qal ukoll illi mill-ezami li kien sar fuq il-PC ta' Brincat kien jidher illi kien hemm hafna trojans – tip ta' virus. Zied illi meta huma jaghmlu ezami forensiku il-hard disc qatt ma tigi kompromessa. Dwar il-kopja tal-hard disc li l-bank ghamel, qal illi darba li spiccaw l-investigazzjoni taghhom id-disc hassruha. Zied illi kif irrizulta lill-bank li seta' kien hemm "*money laundering*", dahhlu lill-pulizija. Qabel illi l-bank talab lil Mark Brincat ghall-computer u ezamina l-istess.

Mistoqsi mill-Avukat Difensur ezaminax ukoll il-hard disc tal-bank, wiegeb illi ma kinx hemm ghalfejn.

F'seduta aktar tard, l-istess xhud tela' jixhed u ezebixxa l-incident report li hu rrediega bhala succint tal-investigazzjoni, ezebit dan bhala Dok MB (folio 326). Spjega li meta uza l-kliem "*Road Runner*", u "*MTA Infrastructure*", dawn kienu service providers. Dwar IP addresses, qal illi dawn kienu minn fejn saru jew pruvaw isiru t-transfers.

Ezebixxa wkoll il-forensic examinations li saru minn certu Graham Log fuq il-PC jew lap tops tal-klijenti. Qal illi Ian Vella kien ta l-kunsens tieghu ghal dan. Dan gie prezentat bhala Dok MB1, folio 330.

Ezebixxa wkoll il-questionnaire kemm ta' Ian Vella bhala Dok MD2, ta' Peter Zammit bhala Dok MD3, u ta' Joseph Paris bhala Dok MD4 (folio 351 – 356).

Aktar tard dwar il-logins mill-IP address 81.79.114.25 qal illi lilhom – lill-bank, kien irrizultalhom erba' (4) logins, tnejn ta' Peter Zammit u tnejn ta' Ian Vella.

In kontro ezami kkonferma li hu kien gie *approached* minn Ronald Ellul - dan inkarigat mill-internet banking, u xogholu kien li johrog il-logs. Ikkonferma li tul l-investigazzjoni kien kellem kemm lil Peter Zammit, Joe Paris, u lil Mark Brincat.

Ikkonferma li saru logins minn barra minn Malta.

Mistoqsi dwar il-mizuri li ha l-bank meta sar jaf bl-operat tal-"*hacking*", wiegeb illi gie mblukkat il-kont ta' Brincat l-imputat. Qal illi hu ta biss parir lill-bank jimxi hekk. Qabel li anke gie ezaminat il-hard disc ta' Ian Vella minn wiehed mill-staff tieghu. Qal illi l-klijenti gew anke avzati biex inaddfu l-

computer taghhom. Dan sar biex jigi salvagwardjat il-klijent. Ghalkemm qabel illi l-bank kien rinfaccat b'reat kriminali, zied illi fil-bidu qatt ma ssuspettaw fl-imputat ghaliex qal illi generalment min ikun qed jaghmel ir-reat ma jiftahx kont tieghu. Qal ukoll illi hu meta rrealizza li kienu rinfaccati b'reat kriminali hass illi kellhom id-dover li jkellmu lill-pulizija.

Id-Difiza fil-fatt baqghet tissikka lil dan ix-xhud talli l-bank ha statement u gie mitkellem Mark Brincat meta kienu rinfaccati b'reat kriminali. Wiegeb u xehed illi hu ma studjax ligi u ma kien jaf xejn bid-drittijiet ta' Brincat.

Rega' rritjena li l-link bejn Mark Brincat u l-klijenti affettwati kienet mhux ghax Brincat kellu access ghall-IP addresses, ma accessax is-sistema tal-bank. Qal illi huma lil Brincat kienu staqsewh minn fejn kienu gejjin il-flus li dahlulu fil-kont tieghu.

Aktar tard rega' gie jixhed fuq insistenza tad-Difiza, in kontro ezami, fejn qal illi hu ma kinx jiftakar li Mario Bartolo kien akkuza lil Brincat bir-reat ta' money laundering. Rega' kien insistenti hawn l-Avukat Difensur ghall-fatt illi l-bank kellem lil Mark Brincat qabel l-intervent tal-pulizija.

**Ronald Ellul** fil-kariga ta' Direct Banking Manager, xehed illi hu fuq l-informazzjoni ta' caqlieq ta' flus tal-klijenti minn kont taghhom ghal kont ta' Mark Brincat, ta ordnijiet biex tittiehed azzjoni mmedjata u jindikaw din l-attivita'. Qal illi hu kien prezenti meta gew mitkellma mill-bank il-klijenti.

Qal illi fil-fatt f'dik il-gurnata stess, l-istess imputat kien baghat xi emails fejn staqsa jekk l-uzu ta' IBAN number ta' international banking account kinx iqieghdu vulnerabbli ghal

tehid ta’ flus mill-kont. Staqsa wkoll setax jaghmel credit cards b’limiti baxxi ta’ hamsin lira Maltin (Lm50.00) biex ihallas bihom, halli r-riskju jkun baxx f’kaz ta’ serq. Qal illi hu - cioe’ Brincat, kien uriehom li kien jaf bil-flus dehlin fil-kont tieghu. Spjegalhom, skont dan ix-xhud, l-operat kollu li kien qieghed jaghmel u l-commission (8%) li kien qieghed jircievi fuq l-istess. Ezebixxa l-fotokopji tal-emails illi rcieva l-bank bhala Dok E (folio 127, 128, u 129).

In kontro ezami qal illi kien hu, in kwantu hekk inkarigat fil-kariga tieghu ta’ manager tal-internet banking, li kien qabbad lin-nies tieghu biex jinvestigaw l-entrati.

Ikkonferma li kien irrizultalhom illi l-flus li naqsu minghand klijent marru fil-kont ta’ Mark Brincat. Qal illi l-ezercizzju tal-investigazzjoni lestewh f’weekend. Innega li hu ta xi struzzjoni lil xi hadd mill-klijenti li jirriformettja l-computer tieghu. Lanqas ma qabel illi l-computers tal-klijenti kienu f’idejn il-bank, imbaghad ghaddew ghand il-pulizija. Qabel illi hu u Ellul kellmu lil Mark Brincat. Rinfaccat illi huma setghu b’hekk kisru d-dritt tad-difiza, wiegeb illi huma l-ewwel assiguraw illi s-sitwazzjoni ta’ Ian Vella u Peter Zammit kienet genwina u wara kellmu lil Brincat. Qal illi ghalihom – ghall-bank, li jitkellmu mal-klijenti kienet procedura normali u li huma riedu biss jistabilixxu jekk Brincat kinx “*aware*” mill-akkadut. Zied illi Brincat kien koperanti maghhom. Qal illi kien waqt din l-istess intervista ma’ Brincat illi Bartolo cempel lill-pulizija. Zied illi fil-fatt mill-bank Brincat hareg mal-pulizija.

Innega li minn naha tal-bank saret xi froga kif gie suggerit mid-Difiza. Qal illi ghall-bank kienet procedura normali, cioe’ li jigu mitkellma l-klijenti.

Spjega wkoll illi kull entrata thalli audit trail, u kien minn dawk l-audit trails illi l-bank skopra li flus minn kont marru ghand il-kont ta’ Mark Brincat.

**Mario Bartolo** xehed bhala security manager HSBC. Dan tista’ tghid li rega’ rrepeta dak kollu li qalu x-xhieda ta’ qablu, impjegati tal-bank.

Senjalamenet xehed fuq it-transazzjonijiet illi saru mill-kontijiet ta’ Ian Vella u Peter Zammit; illi dawn mitkellma anke fil-presenza ta’ dan ix-xhud, innegaw illi kienu huma li ghamlu dawn it-transazzjonijiet. Qal ukoll illi dawn it-transazzjonijiet saru minn IP addresses mhux komunament uzati kemm minn Vella u kemm minn Zammit rispettivament. Xehed anke fuq l-attentat li sar fuq il-kont ta’ Joseph Paris. Qal illi hu kien involut fl-interview li saret lil Peter Zammit. Ghalih kien jidher car illi dan Zammit ma kellux konoxxenza ta’ dak li kien gara fil-kont tieghu.

Qal illi kien hu u Ronald Ellul illi ghamlu l-intervista lil Mark Brincat. Spjega li c-cirkostanzi tal-kaz ta’ Brincat kienu differenti ghaliex ghalihom kien jidher car illi hu ma kinx vittma. Ikkonferma wkoll illi f’dik il-gurnata filghodu kien ghamel tramite internet banking mistoqsijiet bhal jekk setax ikollu credit card bil-limitu baxx ta’ hamsin lira Maltin (Lm50.00), jew jekk meta jaghti l-IBAN number lil xi hadd ikunx suggett li jingibdulu xi flus.

Qal dan ix-xhud illi hu kien issugerixxa lil Mark Brincat li hu kien fl-operat investigat agixxa ta’ ‘*mule*’.

Spjega li dan kien jokkorri meta “*flus li jkunu l-origini taghhom ikollu question mark kbira fuqhom .....jghaddu ghand l-account ta’ persuna, hafna drabi mill-istess pajjiz*

*minn fejn ikunu ngibdu dawk il-flus illegalment u dan jinghata instruction biex wara li jircievi l-flus jaghmel diversi ….jigifieri transfers minn account ghal iehor, umbaghad jingibdu l-flus f'cash u dawk il-flus jintbaghtu lill-address jew addresses li jkun hemm instructions minn barra u jintbaghtu mill-Western Union.*" (folio 307)

Zied illi kull min kien fid-dinja tal-accounts u computer, suppost jaf b'dan l-operat.

Ezebixxa wkoll id-dokument MB – rapport skritt tal-akkadut (folio 370).

In kontro ezami kkonferma li wara, anzi matul l-investigazzjoni (aktar approfondita), Mark Brincat beda jigi kkunsidrat minnhom – mill-bank, bhala suspettat. Qal u nsista li Brincat gie mitkellem bhala klijent tal-bank. Qal illi l-bank ma kinx ser imur mill-ewwel ghand il-pulizija, l-ewwel jaghmel l-investigazzjonijiet tieghu. Qal ukoll illi ghall-bank deher illi l-ohrajn (klijenti l-ohrajn) setghu kienu vittmi mentri l-imputat seta' kien l-attur.

Qal illi baghtu ghalih u li Brincat mar "*at his leisure*", li seta' fil-fatt ma marx il-bank, illi hu ma arresta lil hadd, illi Brincat mar minn jeddu.

Baqa' nsistenti x-xhud, wara li d-Difiza qratlu r-rapport (Dok MB), illi hu ma ghamilx xoghol ta' pulizija, imma nvestigazzjoni nterna tal-bank.

Insista l-Avukat Difensur ma' dan ix-xhud illi hu fil-fatt kien ghamel xoghol ta' pulizja – negat dan kontinwament mix-xhud.

Xehdu wkoll **<u>Ian Vella, Peter Zammit, u Joseph Paris</u>**.

**Ian Vella** xehed illi hu mal-HSBC kellu kemm savings kif ukoll current accounts. Ikkonferma li hu kien kellem lill-bank wara li kien dahal fil-kont tieghu tramite l-internet banking u sab li kellu certu flus nieqsa. Qal illi dan gara f'Lulju tas-sena 2005. Xehed illi sab nieqsa b'kollox elf lira Maltin (Lm1,000.00), hames mitt lira Maltin (Lm500.00) kull darba. Zied illi hu qatt ma kien awtorizza dawn il-*withdrawals* mill-kont tieghu, lanqas ma kien hu li ghamel dawn it-transazzjonijiet. Qal illi l-bank kien tah lura l-flus nieqsa, li effettivament qabel dan ir-ritorn hu ma setax jigbed dawn il-flus. Ezebixxa Dok IV (folio 187) illi kien juri li flusu marru fuq kont iehor. Skondtu dak minnu ezebit kienet l-istampa li l-bank kien qieghed jurieh tal-kont tieghu.

Ikkonferma li s-service providers tieghu kienu l-Onvol u anke ASP, zmien qabel Maltanet. Mistoqsi x'gara fil-computer meta tah lil tal-bank wiegeb illi ma kinx jaf. Zied illi ghalih il-computer ma kinx 'reformatted', lanqas li kelluxi hsarat fil-hard disc. Qal illi meta mar lura ghandu l-computer minghand l-HSBC ghalih ma kellu xejn differenti.

**Peter Zammit** minn naha tieghu kkonferma li mal-HSBC kellu savings u current accounts. Qal illi lejn l-ahhar ta' Lulju kienu kellmuh xi ufficjali tal-HSBC u avzawh illi kellu xi movimenti fil-kont tieghu. Qal illi dawn ma kinux awtorizzahom hu. Spjega li kien hemm disat(9) ijiem konsekuttivi fejn gie *debited* hames mitt lira Maltin (Lm500.00) u ghalhekk naqsitlu s-somma ta' erbat elf u hames mitt lira Maltin (Lm4,500.00).

Qal illi meta mar ikellem lill-HSBC dawn ghamlulu hafna domandi. Tawh il-flus lura tlitt ijiem wara. Spjega wkoll id-

debits li ra ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500.00)-il wahda bejn it-12 ta’ Lulju 2005 sat-22 ta’ Lulju, 2005 – kuljum. Zied illi hu qabel ma gie alerted mill-bank kien ilu madwar tlitt (3) gimghat jew xahar ma jaccedi l-kont tramite l-internet banking. Zied illi minhabba l-fatt illi l-computer tieghu kien qieghed jisslowja, hu kien iddecieda li jifformettjah. Ghalhekk darba li l-HSBC kienu staqsewh ghall-computer kien wegibhom li kien gie formatted.

**Joe Paris** ikkonferma li kienu baghtu ghalih tal-HSBC. Qalulu li xi hadd kien prova jihhekkjalu l-accounts u biex ibiddel il-passwords. Qal illi l-computer tieghu ma gix elevat mill-bank. Qal ukoll illi l-pulizija ma kellhix ghalfejn televa l-computer tieghu stante li l-informazzjoni kienet fuq l-internet mhux fuq il-computer tieghu.

**Stephen Muscat** bhala konsulent tad-ditta Fexco xehed illi l-Ispettur Cordina kien talbu nformazzjoni dwar transazzjonijiet li kien ghamel Mark Brincat matul is-sena 2005. Ezebixxa d-dokument SM1 (folio 410) li juri l-pagamenti li saru lil persuni ndikati barra minn Malta, id-data meta ngibdu l-flus minn barra, il-post fejn intbaghtu, l-isem tal-persuni li rcevewhom, l-ammont mibghut, u l-ispejjez inkorsi ghal tali transazzjonijiet. Qal illi l-kumpanija Fexco kienet fil-fatt agent tal-Western Union. Ezebixxa wkoll kopji tat-transazzjonijiet li ghadda lill-pulizija bhala Dok SM, u Dok SM2. Dokument SM3 huma s-supporting documents.

Sostna li l-flus gew mibghuta u mhallsa fl-istess gurnata. Qal illi kien Mark Brincat li baghat il-flus barra, wiehed mill-fergha tal-Maltapost tal-Belt, u ohra minn A & B Von Brockdorff, Zachary Street, il-Belt. Ikkonferma li fl-ewwel

transazzjoni l-flus ingibdu minn certu Alexei Putilin f'St Petersburg.

**<u>Andre' Aquilina</u>** bhala chief executive ta' Madeira Forex Services, ukoll agenti tal-Western Union, xehed fuq zewg transazzjonijiet maghmula minn Mark Brincat, mitluba t-tnejn mill-istess Brincat. Il-flus intbaghtu lejn l-Ukraina lil Mihail Magadias fl-ammont ta' erba' mija u tmintax-il lira Maltin (Lm418.00), Dok AA (folio 431). Transazzjoni ohra wkoll saret minn Brincat, fejn il-flus intbaghtu l-Ukraina u gew ricevuti minn Andrei Cernici (folio 430). Anke f'dan il-kaz l-ammont kien ta' erba' mija u tmintax-il Lira Maltin (Lm418.00).

Tghaddi issa l-Qorti biex tezamina x-xhieda tal-espert **<u>Dr Martin Bajada</u>**, fuq l-inkarigi varji moghtija lilu minn din il-Qorti biex jezamina kemm minn naha tal-IT kif ukoll cellulari.

Fl-ewwel xhieda li ta Dr Martin Bajada quddiem din il-Qorti, senjatament spjega dan:

"*Illi mill-analizi pricipali tal-web sites jidher illi l-imputat Mark Brincat kien qieghed jaghmel certu transfers, pero mmedjatament qabel dan, kien qieghed jidhol xi haddiehor, gej minn ISP minn madwar id-dinja li kienu jidhru qed jilloggjaw fuq log files tal-bank.*"

Zied illi mill-Ingilterra, f'Marzu, saru accessi kemm fil-kont ta' Zammit, kif ukoll fil-kont ta' Vella.

Insista f'dan l-istadju tal-Kumpilazzjoni, illi f'din l-investigazzjoni li kienet qieghda ssir minnu in esekuzzjoni tal-inkarigu tieghu, l-aktar importanti kien minn fejn kien sar il-kuntatt, il-punt minn fejn kien sar l-access mhux il-persuna li ghamlet l-istess access - hawn Dr Martin Bajada kien qieghed jirreferi ghall-"*users*" estranji ghalina illi allura wzaw l-IP address biex accedew il-kontijiet bankarji affettwati.

Aktar tard Dr Bajada spjega li l-ewwel rizultanzi tieghu mill-indagni li kien qieghed jaghmel, issa fil-konfront ta' IanVella. Hawn Dr Bajada kien qieghed jezamina d-dokumenti Dok MT sa Dok MT4. Dwar dawn qal illi ra l-ezami li kien sar fuq il-hard disc ta' Ian Vella. Zied illi kien jidher car illi wara li rega' dar id-dokumenti Dok JZ u IV, sab hames (5) log-ins, erba'(4) minnhom minn IP address fuq kumpanija bl-isem ASP Management Ltd, u darba ohra fuq kumpanija Terranet li kellha IP address Malti, tant illi anke kien jirrizulta li dawn l-IP addresses kienu registrati fuq indirizz f'Bisazza Street, Regent House, klassifikati dawn bhala '*mail servers*'.

Zied illi dan allura kien ifisser illi min kien ikollu access ghal tali server kellu certu "*knowledge*" u ntelligenza fil-kamp tal-informatika. Fl-opinjoni tieghu (bhala espert), kien ifisser dan illi kien aktar minn user normali.

Spjega wkoll illi Ian Vella gie milqut fl-post, kumpanija bl-isem Future Habitats. Dan il-'hit' sar mill-indirizz tas-socjeta' ASP Management. Qal pero, illi din l-istess kumpanija kellha ufficini madwar id-dinja. Spjega wkoll illi l-ISPs li ntuzaw biex illoggjaw mal-HSBC, saru mill-APS Consultants f'pajjizi varji.

Zied ukoll illi mill-investigazzjoni forensika tieghu, seta' jikkonkludi li sar l-access fuq dawn l-IP addresses, anke minn xi hadd li kien fizikament prezenti f'Malta.

Aktar tard dwar dan spjega li rrizultalu li mill-'*log files*' prezentati mill-HSBC, zewg accessi fuq il-kontijiet bankarji nvestigati saru minn 'providers' hawn Malta - ASP u Terranet. Qal illi mill-log files prezentati mill-istess bank kien jirrizulta li '*users*' mhux awtorizzati dahlu jittawlu fl-account. Ghalhekk dawn kellhom, kienu fil-pussess ta' 'security features' bhal '*password*' li suppost kien jafhom biss il-'*user*'.

Jigi rilevat illi hawn ghal darb'ohra, Dr Martin Bajada rega' ssugerixxa li jekk kien hemm interess minn fejn origina dan l-access, din kienet prova li kellha ssir permezz ta' Ittri Rogatorji.

Jigi premess f'dan l-istadju, illi Dr Martin Bajada pprezenta r-relazzjoni tieghu Dok MB.

Ikkonkluda li hawn seta' jirrintracca li l-"*hacking*" sar anke minn pajjizi Ewropej u l-Amerka. Semma anke l-Ukraine u l-Polonja. Qal illi mill-investigazzjoni forensika tieghu wasal ghas-service providers, mhux ghall-'*users*'. Hawn rega' spjega li biex jinstabu l-user/users, kelhom isiru Ittri Rogatorji.

Mistoqsi in kontro ezami jekk l-isem ta' Mark Brincat deherx fir-ricerki tieghu wiegeb illi sa fejn kienu qed jigu rintraccati l-'*IP addresses*' mhux persuni, ma deher imkien, siccome r-

ricerka li saret kienet fir-rigward ta’ ‘*service providers*’ mhux ‘*users*’, isem l-imputat ma deher imkien.

Fir-rigward tal-inkarigu tieghu fil-konfront ta’ mobiles u computers ta’ Mark Brincat, xehed illi ma rrizultalux li kien hemm konnessjoni bejn il-‘*hacking*’ u Mark Brincat. Zied pero li Brincat kellu kuntatt ma’ terzi li tawh l-istruzzjonijiet.

Xehed anke barra fuq dan il-kuntatt, fuq kuntratt li rrizultalu bejn ‘l hekk imsejha *foreigners* u l-imputat.

Dwar il-computers li gew ‘*reformatted*’ xehed illi ghalkemm ta’ whud mit-terzi ‘*hacked*’ dan gara, fil-konfront tal-imputat il-*computer* tieghu qatt ma gie *reformatted* (sal-grad tal-investigazzjoni), pero kien gie elevat u ezaminat mill-pulizija sezzjoni Cyber Crime.

Ikkonferma li parti mill-inkarigu tieghu kien illi jezamina u jikkonferma dan l-ezami li sar fuq l-imsemmi *computer*.

Ikkonferma wkoll in kontro ezami li huwa kien konoxxenti tal-fatt illi l-HSBC Bank kien qieghed isofri ‘*breaches*’ fis-sigurta’ tal-IT, tant illi kien anke nkluda dan fir-relazzjoni tieghu. Kien anke dwar dan ghamel ricerka dwar l-istudju affettwat mill-Professoressa Ngliza Alison Jones. Xehed illi kien anke prova jaghmel kuntatt maghha bla success finalment (rapport MBA3).

Ezaminat bir-reqqa l-Qorti d-Dok MB, cioe’ r-relazzjoni bid-diversi nkarigi moghtija minn din il-Qorti lil Dr Martin

Bajada li kellu jezamina diversi dokumenti – Dok MB7 cellulari Siemens, Dok MB8 rapport ta' PS 498 fuq Dok MB9; l-istess Dok MB 9 lap top Fujitsu Siemens; Dok MD – HSBC incident report checklist; Dok MD1 – HSBC forensic investigation report; Dok MD 2 HSBC Internet Banking Fraud Report Ian Vella; Dok MD3 HSBC Internet Banking Fraud Report Peter Zammit; Dok MD4 HSBC Internet Banking Fraud Report Joseph Paris; Dok IV HSBC Internet Banking Log File Ian Vella; Dok MB – HSBC Internet Banking log file Mark Brincat; Dok MBA1 Vodafone call profile; Dok MBA2 – Maltacom Call profile; Dok MBA2 – estratt mill-gurnal '*The Guardian*'.

Fir-rigward tac-cellulari ta' Mark Brincat u wara li ezamina ghalhekk anke l-informazzjoni ricevuta minghand il-Maltacom, Dr Bajada ghalhekk ikkonkluda li bejn l-imputat u terzi njoti mill-Ukraina u l-Italja, kien sar kuntatt fiz-zmien tat-trasferimenti tal-flus.

Irrizultalu wkoll, wara li ezamina d-dokument Dok MB9, illi kien hemm tracci ta' e-mails, riflessi dawn f'Dok MB8, pagni 14 – 212 – korrispondenza bejn l-imputat u GNS/Diane Novikoff.

Ikkonkluda wkoll illli ghall-HSBC l-imputat gie kkunsidrat bhala "*mule*". Irrizultalu li l-'*computer*' ta' Ian Vella kien gie *compromised* meta l-*password* tieghu u nformazzjoni ohra fuq kontijiet tieghu mal-HSBC gew '*hacked*'.

Dr Martin Bajada kkonkluda wkoll illi rrizultalu wkoll mill-ezami tad-dokumenti Dok IV u Dok PZ, illi t-trasferimenti (ta' flushom), saru minn abbonati fl-'*internet service providers*'.

Senjalament mid-dokument MD1 wiehed jista' jara facilment illi l-*computer* ezaminat kien infettat bl'hekk imsejha *key logging trojans*.

Illi '*highlighted*' fl-ezami tad-dokument IV ghalhekk wiehed jista' jara l-kuntatti li saru minn IP addresses partikolari fil-kont bankarju ta' Ian Vella bi trasferimenti ta' flus fil-kont bankarju issa tal-imputat (ara dokument ukoll MB – allura issa *log-ins* ta' Mark Brincat).

Identici trasferimenti jidhru wkoll maghmula minn *service providers* barranin ghal kont li jispicca bin-numri 452, denominazzjoni Ewro, issa mill-kont bankarju ta' P Zammit (Dok PZ).

Dak huwa s-succint tar-relazzjoni fit-tul ta' Dr Martin Bajada.

Gie ezebit ukoll minn **Dr Vincent Galea** l-assi tal-istess Mark Brincat bhala Dok VG, u Dok VG1.

Ikkonsidrat:

Kif gia’ gie espost, l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet ezebiti fl-atti mill-Ispettur Joseph Cordina.

Ghandu jinghad ukoll illi l-imputat anke ghazel illi jixhed viva voce.

Tibda din il-Qorti biex tezamina dak illi qal Mark Brincat fl-ewwel stqarrija (folio 44, Dok MB).

Qabel il-Qorti ma taghmel succint tal-istqarrijiet, tikkonsidra, a bazi tal-insenjamenti tal-Qrati Kostituzzjonali taghhna, is-segwenti fatturi, dan aktar u aktar in vista’ tal-mistoqsijiet illi ghamlet id-Difiza lill-imputat meta ha minn jeddu l-pedana dwar in-nuqqas tal-assistenza legali waqt it-tehid tal-istqarrija:

Huwa veru li l-istqarrijiet it-tnejn ittiehdu minghajr ma l-imputat *qua* investigat kellu l-assistenza legali - kif kienet il-Ligi vigenti dak iz-zmien. Certament l-istqarrijiet ittiehdu wara li l-imputat inghata d-debita twissija, minghajr theddid u biza’.

Verament li l-fedina penali tal-imputat hija netta, pero fi zmien li ttiehdet l-imputat kellu l-eta’ ta’ tnejn u tletin (32) sena.

Barra minn hekk, l-imputat kellu “*knowledge*” tajba tal-IT, anke *considerando* x-xoghol li kien jaghmel mal-MITTS.

Fattur iehor li jgieghel lill-Qorti tqis lill-imputat bhala mhux vulnerabbli, jemina minn fattur li sahhet fuqu kontinwament id-Difiza – Mark Brincat qabel ma gie nvestigat mill-Ufficjal Prosekutur, mar minn jeddu l-HSBC, minn jeddu tahom

informazzjoni – ghalhekk meta gie mitkellem mill-Ufficjal Prosekutur kien gia' ben avzat u ferm konxju fejn kienet sejra l-investigazzjoni, u l-provi li gia' kellhom! Fil-fatt l-Ispettur Cordina ghamel mistoqsijiet ukoll a bazi ta' tali nformazzjoni li rcieva minghand l-HSBC!

Hawn taghmel referenza l-Qorti ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt Dennis Theuma) vs Omar Psaila**" tal-20 ta' Gunju, 2014, fejn intqal hekk:

"*Illi madankollu tajjeb jiġi osservat illi wieħed jista' jgħid li l pożizzjoni legali f'pajjizna għal dak li jirrigwardja sitwazzjonijiet simili (li okkorrew qabel l-emendi fil-ligi fl istess rigward) hija dik stabbilita fis-sentenza tal- Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "John Attard vs L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali" deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant il-Qorti se tagħmel din ir-referenza ampja għal dik is-sentenza:*

*"Tajjeb illi qabel xejn ngħidu illi l-Qorti Ewropeja tad Drittijiet tal- Bniedem ma waslix biex tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat awtomatikament, ipso facto u immedjatament huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Tassew, dik kienet ix-xewqa tal-Imħallef Bratza fl-opinjoni separata li ta fil-każ ta' Salduz:*

*". . . the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention."*

*Il-Qorti Ewropeja iżda ġustament ma adottatx din il pożizzjoni estrema.*

*Kif ġja' kellha okkażjoni illi tosserva, din il-*Qorti *ttenni illi l-jedd ta' għajnuna ta' avuk*at *waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalita li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat:*

*dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-*persuna interrogate *tkun ingħatat b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abbużivament. Il-*ksur *tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abbużivament u mhux bil-*fatt biss *li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat.*

*Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-*attur *kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-*pulizija *fl-assenza ta' avukat kellha nfluwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Gia' qalet din il-Qorti li ma tqisx illi Mark Brincat kien f'posizzjoni ta' vulnerabbilita' waqt l-interrogazzjoni.

Brincat spjega fl-ewwel stqarrija tieghu u qal li bhala xoghol mal-MITTS hu kien jaghmel ricerki fuq l-internet u kien jikkompajlja dokumenti ghall-board. Qal illi kellu access ghall-*internet*, kien juza l-*lap top computer* tax-xoghol illi

kien anke awtorizzat jiehdu d-dar. Ammetta li kellu kontijiet kemm mal-HSBC u anke BOV. Qal illi kien juza regolarment il-kontijiet li kellu mal-HSBC. Dwar kont minnhom li ghandu f'Ewro, qal illi kien bicca tax-xoghol illi kien qed jigi nvestigat fuqha. Qal dwar dan illi xi gimghat qabel hu kien ircieva, tramite l-*email account* li kellu mal-yahoo.co.uk, illi kienet tghid kif seta' jaqla' flus legali minn kwalunkwe parti tad-dinja. Talabhom aktar dettall. Qal illi dawn kienu qed jitolbu intermedjarju sabiex jircievi flus ghan-nom taghhom, izomm kommissjoni ta' tmienja fil-mija (8%) u jghaddi l-bqija tal-flus. Qal illi hu thajjar jippartecipa ghax qalulu li kienet operazzjoni legali. Qal illi l-*email* giet mibghuta minn Diane Novikoff li qalet li kienet *project manager* ta' GNX Software b'indirizz Russu. Indikatlu biex jiftah kont bankarju f'ismu u jghaddilhom id-dettalji tieghu. Qal illi din baghtitlu forma ta' kuntratt b'email u talbitu jimla l-istess u jibaghtha lura. Hekk ghamel. Fil-kont li fetah jghid li sab depozitata s-somma ta' elf u erba' mitt Ewro (€1,400). Trasferixxa l-istess gos-*savings account* tieghu u minn hemm rega' tefaghhom gol-VISA tieghu. Qal illi qalulu li kellu jiehu l-kommissjoni fl-ahhar tal-gimgha. B'email ohra minghand GNX ircieva direzzjonijiet dwar il-pagamenti tramite Western Union li kellu jaghmel. L-ewwel darba uza l-agenzija Von Brockdorff. Qal illi baqa' jigri dan kuljum. Spjega li t-tieni darba qalulu biex izomm il-*commission* ta' tmienja fil-mija (8%). Jghid li hekk beda jaghmel. Uza wkoll il-fergha tal-Maltapost biex jibghat il-flus barra, peress illi kienet aktar vicin l-ufficju tieghu. Jghid illi kien jigbed erba' mija u erbghin lira Maltin (Lm440.00) kuljum, li beda jigbed fit-8 ta' Lulju u baqa' sejjer hekk sat-22 ta' Lulju. Zied illi d-dettalji tal-*money transfer control number* gieli kien jirceviehom tramite email jew SMS fuq il-mobile tieghu li kellu numru 99859500. Qal illi Diane kienet anke ccempillu, barra dawn il-kuntatti

b'email jew SMS. Qal illi fil-25 ta' Lulju anke talbitu jibaghtilha rendikont ta' kull *0* gurnata b'gurnata. Baghtilha dan b'email.

Ikkonferma li kienu cemplulu l-HSBC u talbuh imur ic-Centru Ruzar Briffa. Jghid illi hemm iltaqa' ma' Ellul. Staqsewh x'kien qieghed jigri. Qal ukoll illi t-Tnejn ta' qabel kien baghat messagg lill-bank. Staqsiehom jekk GNX setghux jigbdulu flus mill-kont tieghu. Fl-istess gurnata jghid illi Diane kienet anke talbitu d-dettalji tal-*credit card* tieghu u beza' li jiehdulu l-flus. Anke baghat messagg iehor lill-bank, ghax talbitu jiftah kont iehor ta' *credit card,* jekk setax jaghmel dan biss bil-bilanc ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00).

Qal illi meta l-HSBC bdew jistaqsuh, qallhom b'kollox. Ikkonferma d-dokumenti kollha li wrieh l-Ufficjal Prosekutur.

Qal illi hu kien fehem illi jekk kien izomm il-flus kien ikun qed jisraq lill-barranin u dawn kienu jirrapurtawh lill-pulizija. Qal illi qatt ma vverifika l-provenjenza tal-flus. Dwar il-fatt illi kien qieghed jiehu erbghin lira Maltin (Lm40.00) *commission* kuljum, wiegeb illi l-interess tieghu kien li jaghmel il-flus. Qal illi ma kinx jaf li b'ghemilu kien qieghed jahbi t-tracci tat-trasferiment tal-flus, u li b'li kien qieghed jaghmel ma ra xejn hazin. Qal illi ghalkemm kellu biza' li kien hemm xi haga mbaghbsa, qatt ma sab xejn illegali.

Fit-tieni stqarrija qal, mistoqsi dwar il-persuni li hu ttrasferielhom il-flus, illi Diane kienet qaltlu li dawn kienu *suppliers* tal-kumpanija GNX. Zied illi hu kien ghamel tfittxija fuq din il-kumpanija fl-internet, pero din ma taghtu ebda rizultat. Qal illi minhabba li ma jifhmix bir-Russu ma setax ifittex fuq din il-kumpanija. Mistoqsi kif ma ra xejn hazin li persuna mir-Russja li ma tafux tibaghtlu l-flus,

wiegeb illi ma ra xejn hazin. Ikkonferma pero li hu ma jafda lil ebda barranin. Dwar il-provenjenza tal-flus li kien qieghed jircievi kuljum fil-kont tieghu, wiegeb illi ma setax mill-*internet banking* jara minn fejn kienu gejjin il-flus. Ma tkellem ma' hadd biex jivverifika.

Viva voce minn jeddu Mark Brincat xehed u qal illi hu kien gradwat fil-Business and Computing kors 1992 – 1996. Ghal sitt (6) snin wara li ggradwa bejn is-sena 1998 u 2004 kien jahdem il-MITA, dak iz-zmien MITTS. Hemm kien jahdem bhala "*programme software developer*". Fis-sena 2004 xehed illi dahal fil-Ministeru tal-Informatika u hemmhekk kien *assistant researcher*.

Qal illi l-ewwel *approach* kien b'email li kienet tghid illi tista' taqla' l-flus b'mod legali. Jghid li hajruh biex jirrispondi zewg affarijiet. Tahom id-dettalji tieghu. Qal illi fittex fuq l-internet dwar l-isem tal-kumpanija skont l-*email* cioe' GNX, ibbazata l-Ukraina u r-Russja, u ma sab xejn la favur u lanqas kontra, allura baghatilhom id-dettalji u l-affarijiet skondtu mxew minn hemm.

Qal illi talbuh l-*account number* tieghu u spjegawlu li kienu kumpanija li jaghmlu *software* u peress illi kienu bbazati f'East Europe, ix-xoghol taghhom ma kinx jirrendi hafna daqs li kieku kienu qeghdin fl-Ewropa tal-Punent jew fl-Amerika, u riedu intermedjarju biex ikun bhala *third party* bejnhom u l-klijenti taghhom. Jghid illi hawn hu ma ra xejn hazin b'dan.

Xehed illi '*at that point*' il-biza' tieghu kienet biss peress illi talbuh l-'*account number*' li jisirqulu l-flus. Ghalhekk jghid illi talab l-HSBC dwar dan. Jghid illi ghamel il-verifiki tramite l-internet. Qal illi kieku basar li kienu qed jisirqu l-flus

lil haddiehor, kienet tkun ovvja ghalih li kienu jisirqu lilu wkoll.

Zied illi kellu jitfa’ l-flus li jircievi gol-kont tieghu, skont l-istruzzjonijiet li rcieva minghandhom, imbaghad kellu johrog minnhom u jghaddihom tramite l-Western Union lil persuni lilu ndikati bl-SMS jew email. Qal illi biex jaghmel hekk bl-ATM ma setax jigbed aktar minn certu ammont, ghalhekk ghamel credit card u beda jitfa’ parti mill-ammont gol-credit card u johrog minn hemm. Il-parti l-ohra kien johrogha minn gos-*savings* jew *current account*.

Qal ukoll illi l-barranin baghtulu forma ta’ kuntratt, imlieh u baghtu lura. Qal illi dan il-kuntratt kien jghid illi jekk izomm il-flus li jircievi, l-barranin kienu jkellmu lill-pulizija fuq frodi.

Qal illi hu ma kellu ebda nkwiet ghax kien bi hsiebu jsewgi l-istruzzjonijiet li jaghtuh. Ammetta li b’kollox ghamel hdax(11)-il transazzjoni. Qal ukoll illi meta ghamel l-ahhar transazzjoni rcieva telefonata mill-HSBC fejn qalulu li kellhom bzonn ikellmuh gewwa c-Centru Ruzar Briffa.

Jghid illi kien hawn li beda jinduna li l-affarijiet ma kinux kif qalulu l-barranin. Qal illi gol-HSBC sab lil Ronald Ellul u Mario Bartolo li bdew jistaqsuh il-mistoqsijiet. Staqsewh kinx ‘*aware*’ mit-transazzjonijiet. Zied illi ma wissewh bl-ebda mod. Qal illi meta tkellem mal-Ispettur wiegbu, pero hass illi l-HSBC ma kellhom ebda dritt jistaqsu certu mistoqsijiet. Jghid illi beda jwegibhom. Qal illi sussegwentement wasal l-Ispettur Cordina u zewg pulizija u haduh id-Depot.

Qal illi meta kellmu Bartolo ma tahx cans jirrispondi kif ghamel is-Sur Cordina, l-Ufficjal Proskutur.

Qal illi gie rilaxxat l-ghada filghodu mill-pulizija u hawn hu gie konxju mill-akkadut. Qal illi hemm fittex avukat li kien tekniku gol-qasam. Dahal ukoll fuq is-sit tal-Western Union u hemm sab li l-ahhar transazzjoni li kienet ghadha mhix migbuda. Informa b'dan lill-Ispettur biex possibbilment din tigi mwaqqfa. Qal illi ftit granet wara rega' rcieva email li hu ghadda lis-Surgent Agius. Qal illi xtaq li dawn in-nies li kienu tmejlu kienu jinqabdu, ghalhekk ghadda l-informazzjoni lill-Ispettur Cordina u l-Ispettur Cremona.

Qal illi hu ma kellu assolutament l-ebda hjiel li kien qieghed jaghmel xi haga kontra l-Ligi. Zied illi kieku kien jaf li l-flus kienu misruqin ma kinx jidhol ghaliha. Qal illi hu ma kellu xejn x'jiggwadanja, u li bhal ma serqu lil haddiehor setgthu serqu lilu.

Mistoqsi mill-Avukat jekk bhala IT expert messux kien jaf l-import ta' dak li kien qieghed jaghmel, wiegeb illi fis-sena 2005 dawn l-affarijiet kienu ghadhom fil-bidu taghhom.  Zied illi ftit xhur wara dawn l-affarijiet saru komuni. Insista li hu fittex fuq l-internet u ma sab xejn kontra dawn in-nies. Qal illi fil-fatt fil-Lvant tal-Ewropa kien veru li kien hemm hafna '*expertise*', pero l-pagi kienu baxxi.

Zied illi kieku kien jaf ma kinx jidhol ghal din il-bicca xoghol '*knowing all fingers will be pointing at me*' (folio 330). Zied illi kieku espert fil-*money laundering* tah parir, ma kinx ikompli.

In kontro ezami kkonferma li fi zmien tal-allegat reat kellu ghaxar (10) snin esperjenza fl-IT.

Qal illi ghalih dan kien l-ewwel incident ta' din in-natura li ltaqa' mieghu.

Qabel illi meta fittex fuq il-kumpanija ma sab xejn, u lanqas – allavolja ma kinx jaf jaqra bir-Russu, ma rrizultalu xejn dwar il-logo GNX; lanqas ma fittex taht l-isem Diane b'kunjomha. Qabel ukoll illi fir-rigward tal-kontijiet bankarji tieghu, ha certu prekawzjonijiet qabel ghax beza' li setghu jisirqulu l-flus. Qal illi hu kellu garanzija minn Ronald Ellul li flusu jkunu '*safe*'.

Qal illi ghall-iskop ta' taxxa dwar l-introjtu minn din l-affari, kien ser jara kif kienu ser imorru l-affarijiet, imbaghad jirranga.

Mistoqsi jekk rahix stramba li nonostante li kien f'kuntatt u '*dealings*' ma' Diane, il-flus bdew imorru ghand haddiehor, wiegeb illi l-kumpanija mhix maghmula minn persuna wahda. Ikkonferma li hu ma vverifika fuq l-ebda persuna li kien qieghed jibaghtilha l-flus. Qal illi hu kien biss qed jaghmel xoghol ta' messaggier. Lanqas ivverifika x'tip ta' *software* kienet taghmel il-kumpanija. Lanqas ma raha pertinenti jistaqsi ghalfejn kien qieghed jircievi flus permezz ta' *direct debit*, umbaghad jibghat l-istess bil-Western Union minflok jitrasferixxi permezz ta' *internet banking* – ghalih kien qieghed jigri dan, kif qalulu, minhabba c-charges. Lanqas ma raha pertinenti jistaqsi dwar l-uzu ta' Swift transfers, dan gialadarba dawn ma kinux l-istruzzjonijiet li tawh, li rcieva.

Lanqas ma hass illi kellu jistaqsi ghala l-flus kienu qed imorru f'postijiet varji – l-Ukraina u r-Russja.

Mistoqsi kif ma ndunax illi t-transfer tal-flus fuq kontijiet tieghu kellhom provenjenza lokali, qal illi ma setax ikun jaf.

Baqa' nsistenti li l-biza' tieghu kienet biss illi dawn jisirqulu flusu. Ma kellu ebda biza' li dawn kienu qed jisirqu flus ta' haddiehor. Spicca jghid illi ma kien hemm xejn li hassbu hazin.

Ikkonsidrat:

Ir-reat akkuzat bih Mark Brincat huwa dak ta' *money laundering* taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Archbold 2012 jiddeskrivi r-reat ta' money laundering hekk:

"*The explanatory notes to the PCA (Proceeds of Crime Act 2002) define money laundering as "the process by which the proceeds of crime are converted into assets which appear to have legitimate origins, so that they can be retained permanently or recycled into further criminal enterprises.*" (Archbold : Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2012, page 2475).

The Law Society Anti-money Laundering Practice Notes October4 2013 (Supporting Solicitors) defines this crime as follows:

"*Money laundering is generally defined as the pocess by which the proceeds of crime, and the true ownership of those proceeds, are charged so that the proceeds appear to come from a legitimate source. Under POCA the definition is broader and more subtle. Money laundering can arise from small profits and savings from relatively minor crimes, such as regulatory breaches, minor tax evasions or benefit fraud. A deliberate attempt to obscure the ownership of illegitimate funds is not necessary.*"

Ikompli:

"*There are three acknowledged phases to money laundering placement, layering and integration. However, the broader definition of money laundering offences in POCA includes even passive possession of <u>criminal property</u> as money laundering.*" (page 9)

Saljenti hawn li jigi nnotat dak li qalet il-Qorti tal-Appell Krimnali fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija (Spt Angelo Gafa') vs Carlos Frias Mateo</u>**" deciza nhar id-19 ta' Jannar, 2012:

"*Kif ben qalet tajjeb l-Ewwel Qorti diversi awturi jaqsmu l-process tal-hasil ta' flus fit-tlett stadji imsejha "placement", "layering" u "integration". Dawn l-istadji gew imfissra b'mod konciz mill-Qorti tal-Magistrati. Pero` mill-bidunett ta' min jipprecisa, li dawn l-istadji huma biss deskrizzjoni genrali tal-process tal-hasil tal-flus. Hija skola ta' taghlim li nholqot sabiex gurija tkun f'posizzjoni aktar felici sabiex tifhem l-intricci u l-kumplikazzjonijiet li jinvolvu dawn it-tip ta' reati. Ghalhekk il-qasma tal-process tal-hasil ta' flus f'dawn it-tlett stadji hija wahda generali u bl-ebda mod dogmatika. Fil-fatt awturi ohrajn jikkritikaw din il-klassifikazzjoni minhabba li tissemplifika wisq is-sitwazzjoni u f'hafna kazijiet ma hiex riflessjoni veritjiera ta' dak li realment ikun qed jigri. Ghalhekk dawn l-istadji ghandhom jittiehdu biss bhala punto di partenza u bhala deskrizzjoni generali tal-process tal-"money laundering" b'mod flessibbli tant li ma hux rikjest li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-*

*intenzjoni f'kull wiehed u wahda minn dawn l-istadji. Dan qieghed jinghad fid-dawl ta'd-definizzjoni ta' "money laundering" li nsibu fit-tieni artikolu tal-Kap. 373 kif ukoll ir-reati kkontemplati fl-artikolu 327, 328 u 329 tal-Att tal-Parlament Ingliz "Proceeds of Crime Act 2002" fejn analizi taghhom ma tirrikjediex li l-prosekuzzjoni tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkommetti "placement", "layering" u "intergration" bil-propjeta`."*

Qabel l-emendi varji li saru fuq il-Kapitolu 373, u ghall-fini ta' din is-sentenza, li jinteressana hawn hija l-Ligi vigenti fis-sena 2005, Lulju, cioe' dik il-Ligi applikabbli ghaz-zmien illi gie kommess l-allegat reat.

Ir-reat ta' money laundering fi zmien tar-reat in ezami kien definit hekk fil-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz hawn id-definizzjoni ta' attivita' kriminali:

"

*2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -*

*"attività kriminali" tfisser kull attività, tkun fejn tkun magħmula, u tkun meta tkun magħmula, li taħt il-liġi ta' Malta jew liġi oħra, tammonta għal:*

*(b) wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda għal dan l-Att;*

*"money laundering" tfisser:*

i. *Il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjeta' meta wiehed ikun jaf li dik il-proprjeta' tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita' kriminali;*

ii. *Il-habi jew wiri haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta wiehed ikun jaf li dik il-proprjeta' tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;*

iii. *l-akkwist ta' proprjeta' meta wiehed ikun jaf li l-istess proprjeta' tkun inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;*

iv. *ir-ritenzjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjeta' meta wiehed ikun jaf li l-istess proprjeta' tkun inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;*

v. *it-tentattiv ta' xi hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir ta' l-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali;*

vi. *l-agir bhala komplici fit-tifsir ta' l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv), u (v) ta' hawn fuq*"

Illum il-Legislatur f'din id-definizzjoni, issa anke in linja ma' legislazzjoni estrani, dik Ingliza per ezempju, zied il-kliem "jew jissuspetta", fejn qabel ix-xjenza kienet determinata biss bl-element ta' '*knowledge*', gharfien – il-kelma tal-Ligi 'jaf' (emendi 2007), bil-provenjenza llecita tal-proprjeta'.

Certament u bla dubbju, il-Ligi llum tiffacilita ferm il-posizzjoni tal-Prosekuzzzjoni, stante li l-Ligi llum tqieghed il-livell ta' '*mens rea*' necessarju fuq livell baxx hafna – cioe' jekk l-awtur **jissuspetta** biss li rikavat kien gej minn attivita' kriminali. Verament it-test ta' dan is-suspett ried ikun wiehed soggettiv – x'haseb l-awtur, u ma jistax jigi kkunsidrat oggettivament wara li jitressqu l-provi, ghalhekk il-prova trid tkun dak li l-imputat fehem u ssuspetta hu fiz-zmien tar-reat.

Ill-Ligi fil-Kapitolu 373 qabel l-imsemmija emendi allura riedet illi l-awtur kien **jaf** bil-provenjenza tal-proprjeta', (flus fil-kaz in ezami), jaf li dawn kienu provenjenti minn attivita' kriminali, biex jigi kostitwit u rizultanti r-reat.

Ghalhekk spetta ghall-Qorti li tezamina mill-atti, mill-provi anke dokumentarji u cirkostanzjali li tara jekk jirrizultax li l-

awtur, Mark Brincat, kinx fil-fatt 'jaf' bil-provenjenza llegali tal-flejjes imqieghda gol-kont bankarju tieghu.

L-ezami ta' dan l-gharfien, 'knowledge', tal-imputat irid anke jittiehed in konsiderazzjoni mill-mod kif il-Prosekuzzjoni trid tipprova r-reati sottostanti.

Ghalhekk il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta qabel l-emendi tas-sena 2010, fl-Artikolu 2(2)(a) kien jaqra:

"*Persuna tista' tinstab hatja tad-delitt ta' money laundering taht dan l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza tal-Qorti li tistabilixxi htija fir-rigward tal-attivita' kriminali sottostanti, liema attivita' kriminali tista' tigi stabbilita minn prova cirkostanzjali jew prova ohra, minghajr il-htiega li l-Prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna ghall-attivita' kriminali sottostanti.*"

Per parentesi, illum dan l-Artikolu wkoll gie emendat biex jiffacilita l-prova u l-prosekuzzjoni tar-reat in ezami, in kwantu llum lanqas ma trid il-Prosekuzzjoni tipprova b'mod preciz liema hija l-attivita' sottostanti – tant huwa ampju u '*far reaching*' dan l-Artikolu llum.

In vista' ta' dan il-livell ta' prova moghtija lill-Prosekuzzjoni, cioe' l-mod kif il-Prosekuzzjoni ghandha tipprova li l-attivita' kriminali, huwa ghaqli li ssir referenza ghall-kawtela ndirizzata mill-Qrati taghna fir-rigward tal-prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz ta' *money laundering*.

Il-Qorti, fil-kawza "**Repubblika ta' Malta vs John Vella**" deciza nhar id-9 ta' Novembru, 2007 qalet hekk:

"*L-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' money laundering minghajr ma jkollu sentenza ta' kundanna ta' dak li jkun qed jigi allegat li huwa l-attivita' kriminali sottostanti. Certament pero, ikun x'ikun il-kaz, jekk l-Avukat Generali jiddeciedi li jakkuza lil xi hadd b'money laudering irid jindika n-ness bejn l-attivita' kriminali sottostanti partikolari li jkun qed jallega. Mhux kull akkwist, mhux kull konverzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta', mhux kull habi jew wiri ta' proprjeta' necessarjament jammonta ghal money laundering. Din hi Ligi straordinarja li tintroduci kuncett radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni bl-akbar skuplu u attenzjoni biex ma tigix reza fi strument ta' ingustizzja, iktar reminixxenti taz-zminijiet tal-inkluzjoni minn dawk tal-era moderna tad-drittijiet tal-bniedem.*"

Mela minn dan kjarament isegwi li ghalkemm il-Prosekuzzjoni hija meghjuna fil-mod tal-prova, dan xorta trid taghmlu bi skruplu u tressaq il-provi kollha relevanti senjalament fuq in-ness hawn suriferut.

Dan kollu jinhtieg jinqara wkoll in kwantu ghall-provi u prosekuzzjoni ta' dan ir-reat mal-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373 tal-Ligi ta' Malta, li jghid hekk:

"*Fi proceduri dwar reat ta' money laundering taht dan l-Att, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22(i)(c)(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, ghandhom ikunu mutatis mutandi japplikaw.*"

L-Artikolu 22(1)(c)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta hawn applikabbli jistipula li:

"*Fi proċediment għal reat taħt il-paragrafu (a), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjeta' jew rikavat ma kinux flus, proprjeta' jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjeta' jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna impuata jew akkużata.*"

Mela in vista' li hawn jidher illi hemm '*shift*' tal-onu tal-prova, dejjem fuq in-naħa tad-Difiża sal-grad tal-probabbli, *multo magis* tagħmel aktar sens il-kawtela li emfasizzat il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni kontra John Vella, hawn fuq riprodotta.

F'dan ir-rigward il-Qorti hawn terga' tagħmel referenza għal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni ġia' suriferita, ta' Carlos Frias Mateo, fejn il-Qorti qalet hekk:

"*F'din il-kawża, l-appellat qed jiġi akkużat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta izda dan il-Kap jagħmel referenza wkoll għall-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piż li juri l-oriġini leċita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkużata. Għalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm għall-persuna li tkun akkużata b'money laundering taħt il-Kap 101 kif ukoll taħt il-Kap 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jeżimi mir-responsabilta' l-prosekuzzjoni illi tipprova xi ħtija preċidenti in konnessjoni*

*ma xi attivita` kriminali, kull ma ghandha tipprova l-prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali.*

*Forsi f'dan l-istadju ikun opportun illi jigi kwalifikat il-prova "prima facie" u fiex din tikkonsisti.*

*Ikkunsidrat :*

*Hu ben saput illi l-Qrati generalment jirrikonoxxu erba' tipi ta' prova, dak li huwa possibli, l-probabbli, minghar dubju dettat mir-raguni u c-certezza. Izda l-prova "prima facie" hija wzata mill-Magistrat Inkwirenti meta jirredici l-Process Verbal u l-Magistrat Istruttur fl-gheluq tal-Kumpilazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti din hija livell ta' prova illi tidhol bejn il-possibli u l-probabbli.*

*L-awtur Blackstone (At D 6.21) jghid fost affarijiet ohra, "Thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or a case to answer." Il-probabbli huwa l-livell uzat f'proceduri*

*civili. Ghalhekk skond dan l-awtur "prima facie" huwa anqas minn hekk u jista' jigi definit bhala "a case to answer", haga li ghandha tigi nvestigata aktar fil-fond.*

*Fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f'dan il-kaz, intlahaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer"?*"

Premessa zghira ohra li thoss li ghandha ssir minn din il-Qorti anke minhabba l-emendi li saru f'dan il-Kapitolu biex issir aktar effikaci, u kontrollat dan ir-reat, hija dik li saret fit-Tieni Skeda tal-Kapitolu 373 bl-Avviz Legali 176/2005, li dahal fis-sehh fil-31 ta' Mejju, 2005, li llum jaqra fil-konfront tar-reat sottostanti "kull reat kriminali'; mentri qabel din l-emenda, kien jelenka reati specifici sottostanti ad eskluzjoni ta' dawk mhux imsemmija.

Ikkonsidrat:

Tenut ta' dak suespost, cioe' dak li trid u kellha tipprova l-Prosekuzzjoni - maggorment li l-imputat kien **jaf** li r-rikavat tal-operazzjoni kien direttament jew indirettament naxxenti minn attivita' kriminali, allura tipprova anke n-"ness" bejn l-imputat u r-rikavat, u l-Qorti ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Kif allura waslet il-Prosekuzzjoni biex tipprova x-xjenza '*knowledge*', l-gharfien tal-imputat dwar dan huwa l-crux ta'

din id-decizjoni; mentri minn naha tal-imputat, xi spjegazzjoni ressaq dan, dejjem sal-grad tal-probabbli biex jiggustifika azzjonietu u l-flus li rcieva minn dan!

Tibda fl-ewwel lok il-Qorti biex tippuntwalizza din il-fehma taghha – persuna li konvenjentement taghlaq ghajnejha ghal dak li sfaccatament qieghed quddiem wiccha, qajla tista' tinvoka n-nuqqas ta' gharfien bhala difiza. Dak li hu iswed tista' tghattieh b'hafna kuluri ghax bhal kulur iswed hekk jibqa'!

Naraw illi in linea mad-decizjoni ta' **Paul Borg (Qorti Appell Kriminali, datata 6 ta' Ottubur, 2003)**, il-Prosekuzzjoni riedet almenu tipprova sal-*prima facie* li l-akkuzat kien qed jagixxi bi hsieb li jikkonverti flus jew rikavat ta' flus gejjin minn attivita' kriminali.

Dan l-gharfien da parti tal-imputat jinhtieg ovvjament a skans ta' ammissjoni da parti tieghu (f'dawn il-proceduri mhux il-kaz), li jigi ppruvat minn ricerka akkurata tal-provi prodotti.

Hawn il-Qorti in ezami tal-klema "*jaf*" fit-text Ingliz "*knowing*" ser taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif**", tas-16 ta' Frar, 1998 (Imhallef Dr Vincent De Gaetano) fejn in ezami tal-akkuza ta' pussess ta' droga u l-kelma "xjentement" misjuba bhala rekwizit tal-mens rea f'hafna reati nostrani, il-Qroti qalet dan:

"*Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u* <u>*mhux*</u> *dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tiehgu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha* <u>*xjentement*</u>*, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita') kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali);*" Din id-decizjoni qed issir referenza ghaliha stante li l-kelma "jaf", gharfien ta' fatt, fiha nnifisha timplika li bniedem ghandu anke xjenza "*knowledge*" ta' dak illi qed jaghmel, ta' azzjonietu salv prova dejjem sal-bazi tal-probabbli tal-kuntrarju!

Stabbiliti dawn il-fatturi, jinhtieg kif gia' ritenut, illi jigi ppruvat illi Mark Brincat kien jaf b'attivita' kriminali

sottostanti, cioe' li l-flus li kien qed jircievi fil-kont bankarju f'ismu kienu gejjin minn xi attivita' kriminali. Irid ghalhekk jigi stabbilit x'fehem l-imputat f'dan l-operat.

Illi mill-provi jirrizulta li Mark Brincat ircieva xi *emails* minghand certa Diane Novikoff li offriet lil kull min ried jaqla' l-flus legali malajr illi jinghaqdu fi skema mas-socjeta' GNX Software Company (folio 16, Dok MB8).

Minn hemm 'l hemm, darba li Mark Brincat wera nteress f'din l-offerta ghaddew varji *emails* bejniethom, anke SMSs u telefonati (kif xehed hu stess) fejn hu gie moghti struzzjonijiet dwar dan l-operat.

Senjatament email minnhom a folio 26 tal-istess dokument imsemmi, insibu li din Diane Novikoff tghid "*The client pays by described payment method to you. You go to the bank and withdraw the funds. Then go to Western Union and send funds to us. Your commission is 8% per each deal.*

*Taking into account our weekly income is up to USD 10,000 – 15,000, you can earn up to USD 800 – 1,200 per week.*"

L-*emails* sussegwenti juru li Mark Brincat tant wera interess li dahal f'kuntatt frekwenti ma' din Novikoff, tant illi beda anke jiddiskuti kif kien ser jithallas ghal dan l-operat.

Mark Brincat anke rcieva dak illi qed jissejjah kuntratt ta' impjieg a folio 98 – 100, Dok MB8. Senjalament dan il-

kuntratt juri anke dak illi suppost hu r-*registered address* tal-kumpanija GNX Software.

X'jghid li ghamel Mark Brincat fil-konfront ta' din is-socjeta' – fittixha fl-internet. Jghid illi ma sab xejn, la tajjeb u lanqas negattiv – allura kkonkluda li la ma kien hemm xejn hazin seta' jkompli. Jghid ukoll illi hu ma jifhimx bil-lingwa Russa, allura ma setax japprofondixxi r-ricerka tieghu, dan nonostante li l-indirizz muri a folio 99 huwa bl-Ingliz!

Gie anke mitlub kif jidher mill-istess dokumenti, illi jaghti nformazzjoni dwar kontijiet bankarji tieghu. Dwar dan jghid illi hu ma fdax, tant illi anke ghamel certu enquiries mal-bank dwar jekk setax b'hekk jigi misruq minn flusu.

Jirrizulta wkoll illi huwa gradwat f'"*Business and Computing*" hu kien kwalifikat fl-informatika u *multo magis* li kien impjegat mal-MITTS bhala "*IT programmer*" – allura minn natura ta' xogholu fuq computer u internet kien ferm familjari mad-dinja tal-informatika – anke dan *ex admissis*.

Jghid ukoll l-imputat illi dan ir-reat ta' *money laundering* kien gdid jew relattivament gdid fis-sena 2005!! Dikjarazzjoni din li ssorprendiet lill-Qorti li certament mhux daqstant xjenti tad-dinja tal-informatika! Pero xjenti mill-uzu tal-internet u l-informazzjoni enormi li dan joffri! Anke *considerando* li l-Ligi nostrana dwar ir-reat ta' '*money laundering*' gie promulgat gia' mis-sena 1999!!4

Verament l-Avukat Difensur argumenta li gialadarba l-imputat kien konxju mit-'*trail*' li kien qed ihalli, ghax hekk sapjenti, qajla seta' dahal ghal dan l-operat *conoscendo* li seta' jinqabad.

Mark Brincat isostni wkoll li kieku hu kien jaf li qed jigu misruqa flus mill-kont ta' terzi, ma kinx ser jidhol ghal din il-bicca tax-xoghol ghax kien seta' jifhem li setghu jigu misruqa flus mill-kontijiet bankarji tieghu. Tirritjeni l-Qorti li huwa tant fil-fatt emmen illi seta' jsir dan, illi staqsa biex jikkawtela ruhu dwar dan mal-bank. Allura jekk hu gieh dan il-hsieb, tant li jghid li beza', jekk hu wara li ghamel din id-debita ricerka, anke jekk komodament xotta, ghaliex ghazel illi jaghlaq ghajnejh ghal dak illi kien sfaccat quddiemu? Jista' jghid li ma kinx jaf li l-flus li kuljum kienu qeghdin jidhlu gol-kont tieghu kellhom provenjenza tant dubbjuza??

Lanqas ma kienet qed iddoqqlu stramba li fil-maggor parti, is-somom depozitati kienu tal-istess ammont!! Lanqas ma raha stramba, jew almenu hekk qed jistieden lill-Qorti temmen, illi dawn il-flus kienu qed imorru f'pajjizi bhal Ukraina u r-Russja – fejn kien hemm notorjeta' dinjija ta' transazzjonijiet dubbjuzi!

Oltre dan, lanqas ma tigih f'mohhu li jistaqsi l-provenjenza ta' dawn il-flejjes depozitati **kuljum** (enfasi tal-Qorti) go kont bankarju fuq ismu.

Lanqas allura ma jara stramb il-fatt illi kien qed jaghmel varji movimenti bankarji, kif *del resto* dirett, bil-flus, u aktar u aktar illi jibghat l-istess tramite l-Western Union meta facilment seta' jsir l-appozitu *bank transfer* – swift, transazzjoni saputa ghall-efficjenza taghha!

Dawn il-fatturi kollha jikkonvincu lill-Qorti li ghalkemm uzant komuni tal-informatika, seta' jaqa' ghal tali skema, imma Mark Brincat ma kinx uzant normali. Kien xogholu dak iz-zmien u anke kien gradwat f'dan. Id-difiza tieghu li ma ssuspettax fl-illegalita' ta' dan l-operat ghax kieku hekk ma kinx ser jafda, hija fjakka u dghajfa "*at best*", u frankament ma tikkonvinci xejn sal-grad tal-probabbli.

Il-fatti juru li hu ma werix fiducja f'dawn il-barranin ghax beza' li jinsterqulu flusu – allura ghaliex ghazel xjentement ma jurix dik il-kawtela fil-konfront tal-flus ta' haddiehor?? Lanqas ma okritu ghajnejh ghall-ammont illi minn taht u b'mod li jista' jitqies tal-inqas dubbjuz, hu kien qed jigi offrut illi jaqla' fil-gimgha kif jidher fl-istess emails!!! Dan kien konxjament kuljum jircievi minghand din Diane somma flus, jigbidha b'mezzi varji, u jiehu l-izbrigu meta gia' qieghed komodament go bank illi minflok jitrasferixxi lil terzi njoti ghalih, tramite l-Western Union.

Fil-verita' l-Qorti temmen fermament li bniedem tal-intelligenza u sapjenza fis-suggett tal-informatika bhal ma hu Mark Brincat, kien jaf b'dak illi kien qed jaghmel. Li jressaq l-iskuza (dejjem sal-probabbli) li hu ma kinx jaf ghax kieku ma fdax ma hi xejn konvincenti. Li tghid lill-imputat il-Qorti huwa dak li ma tridx tara ma jfissirx li ma tafux, imma li trid taghlaq ghajnejk ghalih!

Illi konsegwentement, tenut dak premess, il-Qorti qed issib htija fil-konfront ta' Mark Brincat wara li rat l-Artikoli 2(1)(i)(ii)(iv) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijietta' Malta;

Rat ukoll l-Artikoli 2(2)(a), u 3(3) ukoll tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 323 tal-Ligijiet ta' Malta (qabel l-emendi tas-sena 2002 u 2007) Qieset illi l-piena hemm stabbilita hija jew karcerajra jew multa, jew a deskrizzjoni tal-Qorti, it-tnejn f'daqqa.

F'dan ir-rigward, il-Qorti ser taghmel referneza ghad-decizjoni tal-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Maria Abela**" deciza nhar id-29 ta' Marzu, 2007, Nru 22/06, fejn il-Qorti fir-rigward tal-piena qalet:

"*Illi meta giet introdotta il-ligi dwar il-"money laundering" fil-1994, il-legislatur stabilixxa l-pieni karcerarji w pekunjarji massimi applikabbli ghall-ksur tal-istess ligi bla ma iffissa minimi. Halla f' idejn il-Qrati ukoll jekk japplikawx biss multa jew piena karcerarja jew iz-zewg pieni flimkien. Konfrontata b' din id-diskrezzjoni hekk wiesgha fil-piena li tista' tigi applikata, il-Qorti trid fl-ewwel lok tara tapplikax piena karcerarja jew wahda pekunjarja jew it-tnejn flimkien u mbaghad tiddeciedi il-kwantum f' kull kaz.*

*L-ahjar u l-aktar kriterju stabbli li din il-Qorti tista' tuza bhala gwida hu certament l-ammont li jkun involut fl-ezercizzju ta' "money laundering" minn kaz ghall-kaz. Fattur*

*iehor hu il-frekwenza jew ir-ripetizzjoni tar-reati. Pero' wiehed irid janticipa li jista' jkun hemm reati li skond dawn il-kriterji jistghu ikunu aktar gravi jew ghax l-ammonti involuti ikunu akbar jew ghax l-incidenza taghhom tkun ripetuta u jkun kaz ta' reat kontinwat. Ghalhekk fl-applikazzjoni tal-piena wiehed irid bil-fors ihalli margini li tkun tirrispekkja certa proporzjonalita' fl-eventwalita' futura li tkun trid teroga piena ghal reati aktar gravi kemm ghal dak li jirrigwarda ammont kif ukoll l-incidenza w kontinwita' tar-reat.*

*Umbaghad wiehed irid jara kif dan jista' jigi effettwat minn attenwanti bhal ma huma il-fedina penali tal-hati, l-ammissjoni bikrija, ko-operazzjoni mall-awtoritajiet investigattivi u cirkostanzi ohra li normalment jittiehdu in konsiderazzjoni fl-ikkalibrar tal-pieni.*"

Taghmel ukoll il-Qorti referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler; omissis**", Att ta' Akkuza Nru 10/2006, deciza nhar is-26 ta' Frar, 2009:

"*8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad,*

*“sentencing is an art rather than a science” u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta’ kaz ma’ iehor jew tal-piena erogata f’kaz ma’ dik erogata f’kaz iehor.*

*9. Fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, sentenza tkun ukoll “unduly lenient” ghall-finijiet tal-Artikolu 500(2) tal-Kap. 9 meta tkun barra mill-parametri tal-ligi fis-sens tal-Artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodici Kriminali, u cioe` tkun piena li, minhabba fix-xorta jew kwantita` taghha, tkun differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-parti misjuba hatja tkun inghatat sentenza. F’kaz simili, l-“undue leniency” tkun tirrizulta mill-fatt li ma tkunx giet osservata l-ligi.*

*10. Applikati dawn il-principji, u wara li ezaminat bir-reqqa kemm is-sottomissjonijiet tal-appellant Avukat Generali, dawk tal-appellata, kif ukoll l-atti tal-kawza, din il-Qorti hi tal-fehma li s-sentenza appellata m’ghandhiex tigi disturbata. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata, il-piena ghar-reat ta’ money laundering skond l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 373 hija multa ta’ mhux izjed minn €2,329,373.40 (u allura, la ma hemmx minimu stabbilit, japplika l-Artikolu 11(1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghal minimu ta’ €23) jew prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn erbatax-il sena, jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Ma hemmx minimu ghal dik li hija prigunerija, u anqas ma teskludi l-ligi l-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ghal dan ir-reat ta’ money laundering. L-ewwel Qorti spjegat b’mod dettaljat ir-ragunijiet li wassluha sabiex teroga piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal hames snin. F’dan il-kaz, apparti t-talba tal-gurati ghall-klemenza, l-ewwel Qorti*

*osservat in partikolari li l-ammont ta' flus riciklat x'aktarx li mhux kollu, u forsi wkoll mhux il-parti l-kbira minnu, kien gej minn attivita` kriminali.*

*11. Anqas ma tara din il-Qorti li jista' jsir tqabbil bejn il-kaz in dizamina u dawk indikati mill-Avukat Generali fir-rikors tieghu u fin-nota minnu prezentata fil-11 ta' Novembru 2008. Fil-kaz Ir-Repubblika ta' Malta v. Maria Abela, deciz mill-Qorti Kriminali fid-29 ta' Marzu 2007, Abela giet dikjarata hatja, fuq ammissjoni taghha, ta' mhux wiehed izda erba' reati u senjatament money laundering, falsifikazzjoni ta' skrittura privata li tista' taghmel hsara lil persuna jew iggib utili, falsifikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku, u uzu xjenti ta' dokumenti foloz. L-ammont ta' flus jew riciklat jew altrimenti trafugat kien jeccedi s-somma ta' Lm71,000. F'dak il-kaz il-piena ta' prigunerija kienet ta' sitt snin. Fil-kaz Il-Pulizija v. Nevio Barut, deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' Novembru 2007, fejn inghatat piena ta' tliet snin prigunerija, l-imsemmi Barut kien gie dikjarat hati, fuq ammissjoni tieghu, ta' promozzjoni ta' ghaqda biex isir reat, appartenenza f'tali ghaqda, assocjazzjoni ("conspiracy") biex isir reat, truffa, uzu xjenti ta' att, kitba jew skrittura falza kif kontemplat fl-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9, falsifikazzjoni u uzu xjenti ta' dokumenti ohra, ricettazzjoni u money laundering. Il-kaz l-iehor citat mill-Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti (komposta minn imhallef wiehed) tas-6 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Borg, ma hux relevanti, ghax f'dak il-kaz din il-Qorti kienet illiberat lill-imsemmi Borg mill-akkuza ta' money laundering marbut ma' traffikar ta' droga.*

*12. L-aktar li wiehed jista' jghid dwar is-sentenza appellata tal-15 ta' Frar 2008 hu li din kienet wahda miti – "lenient" – izda b'ebda mod ma jista' jinghad li kienet "unduly lenient" fis-sens aktar 'il fuq imfisser."*

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet dwar il-piena, u kkonsidrat li anke li minn naha tal-Prosekuzzjoni ntweriet certu klemenza.

Qieghda ghaldaqtant, anke wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat, tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerja ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' (4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn si tratta ta' konfiska tal-proprjeta' ta' xi hadd li jikkometti reat taht dan il-Kap. Mela hawn il-Ligi kienet, ghax anke dawn l-Artikolu ghadda minn diversi emendi (XIV.2006 u XXI.2007), tippresupponi li kull proprjeta' fil-pussess tal-hati taht dan il-Kap kienet provenjenti mir-reat ta' hasil ta' flus sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju. Huwa ovvja u ma trid ebda esplorazzjoni profonda, li l-prova tal-kuntrarju ta' din il-prezunzjoni taqa' fuq l-imputat. Del resto, gia' rajna in ezami ta' Artikoli ohra ta' dan il-Kap din ix-'*shift*' fl-onu kif anke spjegat fil-gudizzju hawn suriferut ta' Mateo.

Certament l-unika prova li dejjem gab l-imputat kienet li hu ma kinx jaf illi kien qieghed jaghmel xi haga hazin. Stabbilit illi l-injoranza tal-kelma tal-Ligi **qatt** ma tista' tingab bhala difiza, ghazel illi biss jistrieh fuq hekk, u qatt ma ressaq xi

prova ohra biex jispjega l-provenjenza tal-proprjeta' tieghu. pero, ghalkemm l-Artikolu tal-konfiska tal-assi huwa daqstant "far reaching", xorta l-Qorti thoss illi ghandha tezamina l-compodium tal-assi redatt, ghax fih innifsu huwa prova, altrimenti m'ghandux ghalfejn jigi redatt.

Jirrizulta ghalhekk mit-trasferimenti bankarji u minn provi mressqa mill-HSBC - kif verifikati minn Dr Martin Bajada, illi fil-fatt fil-kont tieghu Mark Brincat ircieva s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00) u ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500.00) – dawn *qua* rikavat mir-reat sottostanti.

Certament dawn ghal xi hin kienu fil-pussess tal-imputat, flus certament derivanti mir-reat li tieghu kien ferm ko-partecipanti. Pero issa fi zmien tal-htija verament fil-pussess tieghu baqa' ir-rikavat ta' dan it-trasferiment – tmienja fil-mija (8%), allura tas-somma ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (Lm5,500.00) u cioe' s-somma ta' erba' mija u erbghin lira Maltin (Lm440.00).

Ghaldaqstant, tordna l-konfiska f'idejn il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin Ewro u ghoxrin centezmu (€1,025.20).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna li Mark Brincat ihallas dawn l-ispejjez fl-ammont ta' seba' mija u sebgha u sebghin Ewro u tmintax-il centezmu (€777.18).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------